*INCIDENT STRADALI*

*PEDESTRIAN*

*PROPER LOOK OUT*

*OBBLIGI TAS-SEWWIEQ*

*WEIGHTED AVERAGE*

*MULTIPLIER*

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 30 ta' Mejju 2017**

**Kawza Numru : 16**
**Rikors Guramentat Numru : 205/2007/LSO**

**James Schembri K.I. Nru. 386665(M)**

**vs**

**Albert Zerafa K.I. Nru. 0559180(M)**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors guramentat ta’ James Schembri datat 26 ta’ Frar 2007 fejn espona: -

Illi fl-20 ta' Dicembru 2005 sehh incident awtomobilistiku fi Triq San Gorg, San Giljan fejn l-attur waqt li kien qieghed jaqsam it-triq mill-*pedestrian crossing* safa mtajjar minn karozza Registrazzjoni Numru LAJ 302 misjuqa mill-konvenut;

Illi l-konvenut huwa unikament responsabbli ghal fuq imsemmi incident peress li dan sehh unikament tort u htija tieghu, minhabba imperizja, negligenza, u nuqqas ta' harsien u osservanza tar-regolamenti tat-traffiku;

Illi bhala rizultat ta' dan l-incident l-attur sofra griehi fuq il-persuna tieghu, kif jidher mir-rapport li sar mill-Ufficjal tal-Pulizija ta' l-Ghassa ta' San Giljan (Dok A) kif ukoll mir-rapport mediku li sar mit-tobba ta' l-isptar San Luqa (Dok B1 sa 5), u kellu bzonn ta' kura medika minhabba dawn l-istess griehi li sofra;

Illi bhala konsegwenza ta' dan l-incident l-attur sofra danni konsistenti fi spejjez ta' kura mehtiega u dizabilita' permanenti kif juru d-diversi rapporti medici annessi u mmarkati bhala Dok C, Dok D u Dok E u danni materjali ohra kif se jigi ppruvat matul is-smigh tal-kawza;

Illi minkejja li l-konvenut gie interpellat sabiex jersaq ghall-likwidazzjoni tad-danni sofferti mill-attur permezz ta' ittra ufficjali datata 17 ta' Marzu 2006 (Dok F1) li giet debitament notifikata lilu (Dok F2), huwa baqa' inadempjenti;

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, *in vista* tal-premess, l-attur jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni, provvediment u ordni opportuna:-

1. Tiddikjara lill-konvenut bhala unikament responsabbli ghall-incident li sehh fl-20 ta' Dicembru 2005 fi Triq San Gorg, San Giljan f' liema incident l-attur safa midrub gravement u dan minhabba imperizja, negligenza, u nuqqas ta' harsien u osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-istess konvenut;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur okkorrendo bil-opra ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas id-danni hekk likwidati *in linea* ta' danni lill-attur.

Bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali tas-17 ta' Marzu 2006 u bl-imghax legali kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tat-8 ta' Mejju 2007.

Rat ir-risposta guramentata ta' Albert Zerafa (ID: 559180M) datata 12 ta' April 2007 (fol 61) fejn ikkonferma :-

1. Illi t-talbiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra r-rikorrent u dana *stante* illi l-incident in kwistjoni ma sehhx b'xi tort ta' l-intimat izda sehh unikament tort tar-rikorrent innifsu u minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu, wara illi r-rikorrent qabad u qasam it-triq bl-addocc u mistohbi wara vettura, u minghajr ma qasam fuq il-*pedestrian crossing* illi hemm anqas minn ghoxrin metru 'l boghod minn fejn sehh l-incident, bhalma kien fid-dmir illi jaghmel;

2. Illi ghaldaqstant ma hemmx danni illi x'jigu likwidati favur ir-rikorrenti, u fi kwalunkwe kaz, u minghajr pregudizzju ghal dak illi diga gie eccepit, ir-rikorrent ghandu jressaq kull prova necessarja skont il-ligi sabiex jipprova d-danni allegatament sofferti minnu;

3. Illi subordinatament, u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talba tar-rikorrent ghall-hlas ta' l-imghax hija insostenibbli *stante* illi ma hemm l-ebda somma likwidata f'dan l-istadju, u kwindi l-imghax ma jista' qatt jigi kkalkolat fuq figura astratta;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri skont il-ligi.

Rat is-surroga datata 13 ta' Frar 2014 (fol 205A) li permezz taghha din il-kawza giet assenjata biex tinstema' quddiem din il-Qorti kif hekk illum giet presjeduta.

Rat in-nota ta' Osservazzjonijiet ta' l-attur datata 21 ta' Novembru 2016 a fol 239 tal-process.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet risponsiva ta' Albert Zerafa datata 15 ta' Frar 2017 a fol 256 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presejduta u dawk mizmuma quddiem din il-Qorti kif illum hekk presjeduta fejn fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2017 (fol 263) meta issejhet il-kawza dehru Dr Vincent Galea ghall-attur u Dr Carina Vassallo li assocjat ruhha fil-patrocinju tal-konvenut. Id-difensuri tal-partijiet irrimettew ruhhom ghan-noti ta' sottomissjonijiet. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Mejju 2017.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi jigi precizat li din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif attwalment presjeduta b'surroga datata 13 ta' Frar 2014 (fol 205A) .

Din hija kawza ghad-dikjarazzjoni ta' responsabbilta` u ghal-likwidazzjoni, konsegwentement ghall-kundanna

ghall-hlas tad-danni kkagunati lir-rikorrent f'incident awtomobilistiku li sehh fl-20 ta' Dicembru 2005.

Illi l-intimat irribatta billi eccepixxa fl-ewwel lok, li t-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt, *stante* li allegatament, l-incident sehh tort tar-rikorrent billi ma qasamx minn fuq il-*pedestrian crossing,* u ghalhekk m'hemmx danni x'jigu likwidati. Gie eccepit ukoll, li t-talba tar-rikorrent rigwardanti l-imghax hija insostenibbli *stante* li ma m'hemm l-ebda somma likwidata, kwindi l-imghax ma jistax jigi kkalkulat fuq figura astratta.

**Fatti:**

L-incident sehh fl-20 ta' Dicembru 2005, meta r-rikorrent kien qed jaqsam fi Triq San Gorg, San Giljan u safa' mtajjar meta kien qed jaqsam mill-*pedestiran crossing* minn vettura misjuqa mill-intimat kif jirrizulta mill-premessi tar-rikors promotur u mir-*road accident report* esebit mill-Pulizija, **Dok A**, (fol 6 *et seq*).

**Provi:**

**James Schembri** xehed permezz ta' affidavit (fol 68-69) fejn qal li dakinhar tal-20 ta' Dicembru 2005, hu kien sejjer l-ikla tax-xoghol tal-Milied, u kien ipparkja hdejn il-knisja ta' San Giljan u beda tiela t-triq, meta wasal fejn l-ATM li hemm fejn il-Pizza Hut, ipproceda biex jaqsam ghan-naha l-ohra tat-triq. Spjega li l-vizwali tieghu kienet tajba u la kien hemm vetturi telghin u lanqas nezlin fit-triq, izda kif

appena qabez nofs it-triq safa mtajjar minn vettura. Qal li mal-impatt hu ntilef minn sensih, wara daqqa kbira go rasu. Sussegwentement qal li tkaxkar sabiex ma jaqlax xi daqqa ohra sa ma gew jassistuh xi nies li kienu fl-inhawi, fejn hu hass ugigh kbir, u kif ukoll induna li kien tilef snienu ghax ma bediex ihosshom. Spjega li kien inzamm l-isptar ghall-kura fejn ghadu jkollu vizti fl-*outpatients*, u fl-2007, kellu wkoll intervent f'ghajnejh.

F'**affidavit** ulterjuri (fol 174-177) qal, li hu twieled fil-11 ta' Awwissu 1965 u l-incident sehh fl-20 ta' Dicembru 2005, ghalhekk dakinhar tal-incident kellu erbghin sena. Semma li hu jahdem mal-Bank of Valletta, u l-qligh tieghu dejjem zdied matul is-snin, kif jidher mill-FS3's mis-sena 2003 sal-2010. Qal li l-incident in kwistjoni effetwah hafna negattivament, peress, li qabel kien proattiv, u wara l-incident sar, jaqta' qalbu minn kollox, anke milli jsuq, mar lura anke socjalment, u anke kien jigi effettwat minn dwejjaq, apatija u demotivazzjoni. Izda, spjega li llum hu jsuq normali ghalkemm xi drabi ghadha tahkmu l-biza'. Esebixxa Dok XX10 sa XX12, li huma kopji ta' ricevuti dwar hlasijiet li ghamel.

In **kontro-ezami** qal (fol 129-131)[1] li l-gurnata tal-incident kienet gurnata fost il-gimgha u l-gurnata kienet bix-xita, u t-traffiku li kien hemm dak il-hin li kien ser jaqsam it-triq ma kienx qawwi. Spjega li meta qasam it-triq kienet kompletament vojta. Qal li miz-*zebra crossing* 'il fuq ghandu vizwali ta' tul ta' hames karozzi zgur. Qal li ra l-vettura mal-impatt, hekk kif jiftakar il-fanali mixghulin.

[1] Seduta tat-23 ta' Marzu 2010.

F'**kontro-ezami** ulterjuri (fol 156)[2] qal li kien kellmu l-esepert nominat mill-Qorti dwar id-dentistrija, Dr. Sammut, fejn minhabba li kellu infezzjoni hu rrefera ghad-dentist tieghu, li hu wkoll l-espert *ex parte*, Dr. James Galea. Spjega li kellu bejn wiehed u iehor ghaxra jew hmistax-il intervent. Qal li wara l-incident kien sarlu *bridge* ta' snien, u esebixxa dok JS1 sa JS5, li jindikaw l-ispejjez li nkorra fid-dentistrija.

**Chris Camilleri** ir-ragel ta' oht ir-rikorrent, xehed permezz ta' affidavit (fol 73-74) fejn qal li wara l-incident li sofra r-rikorrent ma baqax bl-istess imgieba, ma baqax komdu fl-immagni tieghu minhabba l-ksur fl-imnieher, u minhabba zmien twil ta' terapija biex jirranga d-difetti li kellu fi snienu. Spjega li kien qed ibati minn ezitazzjonijiet meta jigi biex jaffronta decizjonijiet, u kellu jfittex l-ghajnuna psikologika u medika biex tghinu jeghleb il-problemi u l-anzjeta`.

**Albert Zerafa** in subizzjoni xehed (fol 77-79)[3] u qal li l-vettura tieghu hija Mini Minor bin-numru LAJ 302, u dakinhar tal-incident hu kien gej mix-xoghol fejn jahdem, Il-Hilton. Semma li kien qabad it-triq l-isfel lejn il-Pizza Hut, San Giljan. Qal li dakinhar kienet ix-xita, u meta kien niezel in-nizla harget persuna minn wara l-vetturi pparkjati u tajjarha. Semma li l-impatt kien ftit aktar l-isfel miz-*zebra crossing*, kien diga qabez iz-*zebra crossing*, tul ta' karozza. Semma li l-impatt kien man-naha ta' quddiem tal-vettura fin-nofs, tal-bumper. Hu qabel li r-rikorrent spicca mal-hajt ta' Paparazzi, kif jidher indikat f' Dok JS6. Muri Dok JS3,

[2] Seduta tas-7 ta' Jannar 2013.
[3] Seduta tat-12 ta' Ottubru 2007

qal li kien hu bil-vettura tieghu kien ftit aktar l-isfel miz-*zebra crossing*. Semma li ra lir-rikorrent hiereg, kien ghaddej bl-ghoxrin mil, ibbrejkja izda skiddja. Qal li ma jafx li qabel iz-*zebra crossing* hemm sinjal 'SLOW'. Dwar id-distanza minn fejn gara l-impatt sa fejn spicca r-rikorrent, qal, li ma jafx dwar dan.

**Albert Zerafa** xehed ulterjorment permezz ta' affidavit (fol 132-134) fejn qal, li dakinhar tal-incident kien telaq mill-Hilton u kien hemm Chris u Simon Darmanin isuqu warajh f'vettura ohra, meta f'hin minnhom qabel ma wasal lejn ir-*restaurant* li kien Paparazzi, fegget persuna minn bejn il-karozzi. Spjega li din il-persuna li qasmet kienet qed tigri peress li kienet niezla x-xita dak il-hin, u qal li ma' l-impatt, il-persuna habtet mal-*windscreen*, li nfaqghet mad-daqqa, hu zamm il-*brake* dak il-hin li kienu anqas effettivi minhabba x-xita. Zied ighid li bhala pozizzjoni, kien diga qabez ftit iz-*zebra crossing* meta gara dan. Semma li kienu waslu l-Pulizija fuq il-post li nterrogawh dak il-hin stess.

In **kontro-ezami**, (fol 150)[4] qal li hu ra persuna hierga tigri minn bejn il-vetturi, li kien hemm fit-*traffic* f'din in-nizla, u meta qasam kien qed jghaggel, u x-xita kienet niezla b'sahhitha dak il-hin. Qal li hu ma rahx joghla fl-ajru lill-persuna mtajra, habat ma' quddiem tal-vettura, dar fuq il-*bonnet* u fuq il-*windscreen*, tant li din inkisret, imbaghad baqa' jizzerzaq u jitkaxakar 'l isfel. Qal li ghafas il-*breaks* fuq iz-zag zags ta' wara z-*zebra crossing*.

[4] Seduta tal-21 ta' Jannar 2011.

In **ri-ezami** qal, fejn ikkjarifika li hu ma qalx li r-rikorrent hareg minn wara vetturi pparkjati, fil-fatt qal li fejn laqat lir-rikorrent ma jistghux jipparkjaw vetturi.

**Dr. Stefano Filetti** (fol 92)[5] xehed li min-naha tal-Kunsill Lokali f' San Giljan, m'ghandhomx informazzjoni dwar senjaletika fit-toroq.

**Is-Surgent Joseph Pace** (fol 92 *et seq*)[6] xehed li hu kien xoghol dakinhar tal-incident u l-persuna mtajra kienet fuq il-bankina tat-triq ta' faccata tal-Pizza Hut. Qal li r-rikorrent kien korra gravi, fil-fatt ittiehed l-isptar bl-ambulanza, kien kiser imniehru, LCW (Latero Contused Wound) scalp, u LCW fuq il-lemin tal-wicc. Qal li l-verzjonijiet tal-partijiet kienu kemmxejn differenti peress li r-rikorrent meta kien kellmu aktar tard kien infurmah li qasam miz-*zebra crossing*, filwaqt, li l-intimat u passiggier li kien hemm fil-vettura wara tal-intimat, Simon Darmanin, qalu li r-rikorrent qasam ftit aktar 'l isfel miz-*zebra crossing*.

In **kontro-ezami** qal, li hu sab lir-rikorrent wara l-impatt, ftit metri 'l isfel miz-*zebra crossing*, (bejn wiehed u iehor tmien metri boghod miz-*zebra crossing*). Qal li brejkijiet ma sabx mal-art, u skizz ma ghamilx peress li r-rikorrent kienu caqalquh mill-post tal-impatt.

**AIC Valerio Schembri** permezz ta' affidavit (fol 101) fejn qal li kien gie nkarigat mir-rikorrent biex ihejji rapport u pjanta tal-post fejn sehh l-incident awtomobilistiku, u li esebixxa fl-atti.

[5] Seduta tas-26 ta' Settembru 2007.
[6] Seduta tas-26 ta' Settembru 2007.

**Joseph Zammit, espert** u **Insurance Surveyor,** xehed permezz ta' affidavit (fol 108) qal li kien gie nkarigat mir-rikorrent biex jaghmel rapport dwar l-incident awtomobilistiku li sehh f' San Giljan, li qed jigi esebit.

Il-**Perit Daniel Cordina** xehed (fol 120-121)[7] li xehed dwar is-senjaletika fit-triq in kwistjoni f'San Giljan u qal li din kollha saret mill-Kunsill Lokali ghalhekk m'ghandux kompetenza ighid dwar dan.

**Simon Darmanin** xehed (fol 143-145)[8] li hu dakinhar tal-incident kien passiggier ma' huh nezlin 'l isfel lejn Spinola, fejn qal li kien hemm it-traffiku fil-karreggjata li taghti 'l fuq lejn San Giljan, kien ghall-habta tad-9p.m. u kien id-dlam. Qal li meta qasam il-persuna li ntlaqat mill-intimat, il-vettura taghhom diga kienet qabzet iz-*zebra crossing*.

In **kontro-ezami**, mistoqsi ghaliex dakinhar li ta l-istqarrija tieghu lill-Pulizija, ma semmiex il-fatt li l-persuna li qasmet kienet qed tigri, qal, li f'daqqa wahda ra ragel ghaddej jigri minn wara l-vetturi u qal ukoll, li ma tkellem ma' hadd qabel din ix-xhieda. Hu kkonferma li meta hareg mill-vettura wara l-incident, kien hemm id-dahla ezatt ta' Paparazzi, u l-persuna milquta kkonferma li kienet tinsab fejn hemm indikat fir-ritratt Dok JS6.

**Christopher Darmanin** xehed (fol 146-148)[9] u qal li dakinhar tal-incident, hu kien qed isuq b'huh passiggier fil-

---

[7] Seduta tat-2 ta' Lulju 2009.
[8] Seduta tat-8 ta' Novembru 2010.
[9] Seduta tat-8 ta' Novembru 2010.

karozza, nezlin in-nizla ta' spinola, wara l-intimat, meta ra persuna tohrog tigri minn bejn il-vettura, u mal-impatt, il-vettura ta' qablu misjuqa mill-intimat waqfet zopptu. Indika li l-persuna li qasmet harget minn fejn Peppino's. Hu kkonferma li r-rikorrent spicca taht il-bankina vicin il-vettura tal-intimat, u kkonferma li l-post kien fejn indikat fir-ritratt f'Dok JS6.

In **kontro-ezami** qal, li l-intimat kien jafu ghax kien jahdem mieghu, izda llum m'ghadhomx jahdmu flimkien.

**<u>Rapport Mediku:</u>**

B'digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta tat-3 ta' April 2012 (fol 159), gew mahtura l-esperti medici Mr Joseph Briffa u Mr. Robert Sammut. Sussegwentement, permezz ta' digriet datat 3 ta' Dicembru 2012 (fol 169) gie mahtur Dr. Jean Pierre Giorgio, in sostituzzjoni ghall-espert Dr. David Cassar. Ir-rapport mediku jinsab esebit a fol 225 *et sequitur* tal-process.

Illi f'dan ir-rapport, l-esperti medici nominati mill-Qorti taw deskrizzjoni tal-limitazzjonijiet tar-rikorrent fi tliet aspetti:

1) dak konness mad-'dental injuries', fejn kellhom jigu mpjantati 'incisors'.

2) fir-rigward, tal-*plastic surgery* fil-wicc u fl-imnieher, li kif deskritt, ghadhom vizibbli, u sahansitra jehtiegu *make-up* biex jippruvaw jahbu l-feriti li ma jistghux jigu elimanti permezz ta' interventi.

3) Referibbilment ghall-istat mentali u psikologiku, tar-rikorrent, inghad li ghalkemm ir-rikorrent ghadu qed ibati minn biza', izda din ma impingietx fuq il-hajja tieghu ta' kuljum u ghalhekk, d-debilita` permanenti psikologika, hija l-anqas li giet effetwata, fit-tlett aspetti ezaminati.

Fil-konkluzjoni taghhom, l-esperti ghalkemm ipprezentaw rapport wiehed, ezaminaw it-tlett aspetti, u taw 'breakdown' tad-debilita` permaneti skont l-aspett.

Dwar il-feriti, u l-interventi bil-*plastic surgery*, r-rikorrent inghata debilita` permanenti ta' 5%.

Dwar id-debilita` dentali, giet ikkonstat debilita` permanenti ta' 4%.

Dwar id-debilita` psikjatrika, giet ikkonstata debilita` permanenti ta' 1%.

Dawn gew maghduda flimkien mill-istess esperti medici, sabiex it-total tad-debilita` permanenti, jammonta ghal 10%.

Illi ma saret l-ebda talba ghal periti perizjuri, fit-terminu stabbilit mil-ligi.

**<u>Responsabbilta` ghall-incident in kwistjoni:</u>**

Illi qabel ma' din il-Qorti tippronunzja ruhha dwar responsabbilta` jehtieg li jigu ezaminati l-obbligi imposti

kemm fuq is-sewwieq u kif ukoll fuq min qed jaqsam it-triq, liema obbligi jinsabu elenkati fil-Kodici ghat-Traffiku tat-Triq (*Highway Code*) u huma msemmija wkoll fil-gurisprudenza nostrana.

Ikkonsidrat li sewqan traskurat *(negligent driving)* jikkonsisti f' kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, l-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat. *Sewqan bla kont* hu sewqan *'bi traskuragni kbira'.* Din it-tieni ipotezi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji. Kull xufier hu prezunt u mistenni li jkollu kontroll shih fuq il-vettura tieghu. Sewqan negligenti jfisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali.

Illi inoltre jigi rilevat li sewwieq ikun ikkontribwixxa ghall-incident jekk ma jkunx zamm “proper lookout”.

Definizzjoni ta’ *proper lookout* inghatat fil-kaz **Kevin Vella vs David Briffa,** P.A. (310/07) deciza fis-7 ta’ Ottubru 2015:

"*Dan il-kuncett ta' 'proprer lookout' gie adottat mill-Qrtati Inglizi fil-kawzai* ***Newhaus N.D. vs Bastion Insurance Co. Ltd.*** *fejn gie ritenut mill-Qrati Inglizi:*

*"Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead – it includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist should have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built up area, of the pavements on the side of the road as well.*"

Dak ritenut fil-kaz, **Dottor Louis Bianchi noe vs Michelle Cassar**, P.A. deciza fis-6 ta' Novembru 1998, huwa indubbjament, relevanti ghall-fatti u c-cirkostanzi tal-incident in ezami.

"*Huwa ndubitat li l-konvenuta, kif jissottometti l-attur, kienet obbligata zzomm a proper lookout, specjalment fi triq bhal din in kwistjoni. Infatti, fis-sentenza ferm studjata fl-ismijiet* ***Giuseppa Debono vs Philip Camilleri et****, (Vol. XLVI.I.112), l-Onorabbli Qorti tal-Appell kellha l-okkazzjoni tghid li "tnejn huma l-principji generalment akkolti fid-duttrina u fil-gurisprudenza estera u lokali, in materja ta' incidenti tat-traffiku stradali, li ghandhom jirregolaw l-investimenti ta' vetturi, jigifieri: (a) hu obbligu ta' kull sewwieq li jirregola s-sewqan skont il-kondizzjonijiet u c-cirkostanzi, bhalma huma l-hin ta' bil-lejl, il-vizwali ostakolati bid-lam u bix-xita, il-piz tal-vejikolu, l-istat tala-rt u r-rapport ohra kontingentiu (b) hu anke dmir tas-sewwieq li jzomm dik li komunament tissejjah a reasonable look out,*

*liema dmir igib mieghu li s-sewwieq jara dak li jkun ragonevolment vizibbli……..".*

Dan l-istess principju gie ribadit fil-kaz **Untours Insurance Agency Limited pro et noe vs Etienne Saliba et**, P.A. deciza fid-29 ta' Jannar 2004, fejn inghad li *"z-zewg regoli kardinali tas-sewqan fi kwistjonijiet ta' stharrig ta' responsabbilta` tas-sewwieq, huma fl-ewwl lok, li sewwieq ghandu jirregola s-sewqan tieghu skont ic-cirkostanzi kollha tal-inhawi fejn ikun (maghduda maghhom il-konfigurazzjoni tat-triq, il-hin u l-kundizzjonijiet atmosferici), u fit-tieni lok, sewwieq ghandu jzomm 'a proper lookout' u cjoe` li jkun attent ghal dak li jkun qieghed isehh madwaru jew mistenni li jsehh minnufih. Sewwieq ikun ikkontribwixxa ghall-incident jekk ma jkunx zamm 'a proper lookout', liema dmir igib mieghu li s-sewwieq jara dak li jkun ragonevolment vizibbli*." (Ara wkoll **Gary Hurst et vs Giuseppe Fava et,** P.A. deciza fis-26 ta' April 2017, u **Joseph Demicoli vs Marco Desira**, P.A. deciza fl-4 ta' Ottubru 2016).

Fil-kaz **John Soler et vs Claire Gove et**, P.A. deciza fl-14 ta' Ottubru 2003, intqal:

*"Principju legali relatat, anzi inerenti ghall-premess, hu dak li jimponi fuq kull sewwieq l-obbligu li fis-sewqan tieghu jzomm a proper lookout. Dan l-obbligu huwa korollari ghall-principju li sewwieq ghandu l-oneru li fis-sewqan tieghu juza dik id-diligenza mistennija minn bonus paterfamilias u li hija ragonevoli tenut kont tac-cirkostanzi; bhal ma huma l-konfigurazzjoni tat-triq, il-frekwenza tat-*

*traffiku fit-triq principali, id-dawl, il-vizwali u c-cirkostanzi partikolari ohra li jistghu jirrikjedu grad ta' attenzjoni gholi mis-sewwieq li jrid jinserixxi ruhu go main road."*

Dwar l-obbligi tas-sewwieq, ukoll fil-kaz, **John Ransley et vs Edward Restall et**, P.A. deciza fl-10 ta' Mejju 2005, intqal:

*"Is-sewwieq ghandu jipprova jiehu azzjoni evasiva biex jevita li jolqot lill-pedestrian u dan specjalment jekk ma jkunx qieghed isuq b'velocita` eccessiva. Apparti mill-azzjoni evasiva biex ma jolqotx il-pedestrian, normalment, is-sewwieq jiehu azzjoni relattiva – cjoe` jaghfas il-brake, meta jirrealizza bil-prezenza ta' persuna ohra quddiemu. Ghandu l-obbligu li jkollu dwal bizzejjed, u aktar ma hemm vizwali limitata ghandu aktar ikollu velocita` moderata hafna. L-istess jinghad jekk it-triq ikollha konfigurazzjoni li tillimita l-vizwali. Irid ma jeccedix il-massimu permess mil-ligi dwar velocita`, u dan l-obbligu jizdied jekk ikun qed isuq vicin skola, knisja jew playing field."*

L-istess principji gew enuncjati fil-kaz deciz mill-Onorabbli Qorti tal-Appell, **Joseph Mifsud proprio et noe vs Tania Craus**, App. Civ. 1417/96, deciz fis-7 ta' Ottubru 2005, gie ritenut:

"*Illi huwa dmir ta' sewwieq li jzomm dak li komunament tissejjah 'a reasonable lookout', liema dmir igib mieghu li s-sewwieq jara dak li jkun ragonevolment vizibbli…." 'Reasonable lookout' ifisser dmir li s-sewwieq jara dak li jkun ragonevolment vizibbli jew ahjar 'in plain view' (Vol.*

*LXXXII.III.322). The duty to look implies the duty to see what is in plain view.' [Gibbs – Trial of Motor Car Accident Cases Sec. 54]. Izda, ghalkemm is-sewwieq ghandu l-obbligi fuq premessi, anke l-pedestrian ghandu certu obbligi li jrid josserva qabel ma jinvadi t-territorju li mhux tieghu, u cjoe` qabel ma jaqsam il-karregjata."* (Ara wkoll **Ruben Belli vs Yordon Marinov**, P.A. deciza fit-23 ta' Frar 2017).

**Dmirijiet tal-*pedestrian*:**

Illi mhux biss is-sewwieq tal-vettura izda wkoll il-*pedestrian* ghandu l-obbligu li jridu jigu osservati. *Pedestrian* ghandu dejjem ikun attent meta juza t-triq u jaghmel l-almu tieghu biex jigu evitati incidenti, anke jekk ghandu d-dritt favur tieghu (Ara **Formosa & Camilleri Ltd. et noe vs Joseph Camenzuli**, P.A. deciza fis-26 ta' April 2001; Stefan **Bonello vs Carmelo Abela**, P.A. deciza fil-21 ta' Ottubru 2002, **Peter Magro vs Emmanuel Grima**, 1004/2009, deciza fil-31 ta' Ottubru 2012).

Fis-sentenza fuq citata fl-ismijiet **John Ransley et vs Edward Restall et** inghad: "*Dwar il-pedestrian jinghad li dan ghandu juza l-massimu prudenza meta jigi biex jaqsam triq. L-artikoli 20 u 21 tal-Highway Code jghidu hekk: "20. Always use subways, footbridges, pedestrian crossings or central refuges, where provided. Otherwise, cross the road where you have a clear view of the road both ways.*

*21. Before you cross, stop at the kerb, look right, look left, and look right again. Do not cross before the road is clear.” "*

Il-*pedestrian* suppost li jara vettura gejja ghax din ma taqax mis-sema. Ukoll fattur indikattiv dwar tort ta’ *pedestrian* huwa meta jkun ghadu kif nizel il-bankina ghax jekk ikun kwazi qasam it-triq allura ix-xufier ikollu l-possibilta’ kbira li jilhaq jarah. Li persuna tintlaqat vicin tal-bankina minn fejn tibda taqsam, hija indikattiva ta’ distanza ravvicinata hafna ghall-karozza li ttajjarha. (Ara sentenza tal-Qorti tal-Appell Civili Superjuri fl-ismijiet **Micallef George nomine vs Camenzuli Gordon** deciza fis-7 ta’ Ottubru, 1997].”

Skont il-*Highway Code* min-naha l-ohra, l-istess Kodici jelenka wkoll obbligi ghal min ikun ser jaqsam it-triq:

Essenzjalment il-*pedestrian* ghandu jaqsam minn f’post fejn is-sewwieqa jkunu jistghu jarawh sew.

**Skont ir-regolament numru 23 tal-*Highway Code:*** “*Qabel taqsam, ieqaf qabel ma saqajk ihallu l-bankina, fejn int tkun tista’ tara jekk ikun gej xi hadd. Tersaqx qrib hafna tat-traffiku. Jekk m’hemmx bankina jew sidewalk zomm lura mit-tarf tat-triq izda kun zgur li tista’ tara t-traffiku li jkun gej u li t-traffiku jkun jista’ jara lilek.”* Inoltre *pedestrian* irid jisma' u mhux biss ihares billi kultant jisma' t-traffiku qabel ma jarah.

Dwar l-obbligi tal-utent tat-triq, fil-kaz **Rita Calleja vs Joseph Agius**, inghad:

*"Jekk pedestrian ikun qieghed ruhu fejn mhux suppost ikun, id-driver li jkun qieghed isuq karozza b'mod regolari jsib ruhu f'pozizzjoni ta' emergenza subbitaneja minhabba fih, dak id-driver m'ghandux jigi tenut hati ta' sewqan perikoluz u tal-konsegwenzi li jista' jsofri f'dik il-kontingenza."*

Specifikatament dwar l-obbligi tal-*pedestrian*, il-kaz **Antonella Tonna vs Roderick Gauci et**, P.A. (GV) deciza fit-8 ta' Ottubru 2004, inghad:

*"Skont il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati ma hemmx dubju li pedestrian huwa intitolat ghall-ezercizzju ta' 'reasonable care' da parti tad-drivers, anke meta jinzlu mill-bankina, u jkun fil-carriageway ma jezonerax lid-driver mill-htija, jekk dan id-driver ma jkunx uza reasonable care." (App. Krim P vs C. Demicoli Vol. 37 p.4.1157)."*

*"M'hemmx prezunzjoni li pedestrian ghandu dejjem ragun. Imma lanqas m'ghandu jitqies bhla intruz*." (App.Civ. **Bongailas vs Mercieca** Vol. L 1 p. 15)." (Ara wkoll, **Albert Zammit vs Marcel Ellul et**, P.A. deciza fid-9 ta' Marzu 2017).

Illi applikati l-principji fuq esposti ghall-kaz in ezami, irid isir ezami approfondit tax-xhieda u tad-dokumenti esebiti, biex tigi stabbilita r-responsabbilta`. Jibda biex jinghad li, jirrizulta li hemm zewg verzjonijiet fix-xhieda dwar il-fatti u r-rizultanzi tal-incident in kwistjoni. Ghaldaqstant, jehtieg li din il-Qorti tindaga l-provi fl-atti tal-kaz odjern, abbazi ta'

kriterji oggettivi, bhar-regolamenti tat-traffiku, kif ukoll il-verosimiljanza tax-xhieda. Ikkonsidrat li l-ezami tal-provi fil-kaz taht ezami huwa krucjali aktar u aktar meta jirrizulta, li minhabba li r-rikorrent gie spustat, il-Pulizija ma ghamlux skizz kif solitament isir mal-*Police Report*.

Id-distinzjoni fil-verzjonijiet hija principlament dwar il-*pedestrian crossing*. Ir-rikorrent isostni li huwa qasam minn fuq il-*pedestrian crossing*, filwaqt li l-intimat, kif ikkonferma fil-verzjoni li ta lill-Pulizija, sostna li r-rikorrent qasam ftit aktar 'l isfel miz-*zebra crossing*. Din il-verzjoni tal-intimat giet ikkonfermata wkoll mix-xhieda Christopher u Simon Darmanin, li kienu f’vettura separata wara dik tal-intimat, u li wkoll taw il-verzjoni taghhom lill-Pulizija.

Illi jirrizulta ikkonfermat mix-xhieda kollha inkluz l-intimat, u kif ukoll mix-xhieda okulari Christopher u Simon Darmanin, li r-rikorrent, wara l-incident spicca fil-post indikat kif jidher fir-ritratt Dok JS6 esebit. Jigi osservat, li dan il-post fejn spicca r-rikorrent, huwa ma genb il-bankina fejn iz-zig zags taz-*zebra crossing* ghadhom jidhru u ghadhom ma spiccawx. Fid-dawl ta’ dan ma jistax ikun, li l-impatt sar metri 'l isfel miz-*zebra crossing*, kif indikat mill-intimat, ghaliex ma setax ikun li mad-daqqa r-rikorrent qabez il-vettura u twaddab lura, li mhuwiex konformi ma’ dak li rrizulta, li r-rikorrent intlaqghat bin-naha ta’ quddiem tal-vettura, habat mal-*windscreen*, tant li tkissret, u mbghad tkaxkar 'l isfel minn fuq il-*bonnet*. Dan qed jinghad ghaliex li l-incident sehh, kif sostnut mill-intimat u mix-xhieda Christopher u Simon Darmanin, fejn intqal li qasam aktar 'l isfel miz-*zebra crossing* u l-vettura kienet diga qabzet sew

iz-*zebra crossing*, ma jistax ikun li r-rikorrent spicca fil-post kif jidher f'Dok JS6, kif ikkonfermat kemm mill-intimat, kif ukoll mix-xhieda okulari Christopher u Simon Darmanin. Jigi rilevat, li fir-ritratt Dok JS6 jidhru parti miz-zig zags ta' wara z-*zebra crossing*, liema zig zags imorru oltre` r-ritratt ghal-linja konklussiva taghhom.

*In vista* tas-suespost, u ghar-ragunijiet spjegati, ix-xhieda tal-intimat u tax-xhieda okulari, s-sinjuri Darmanin, ma tistax titqies kredibbli, u dan partikolarment ghal dak sostnut minnhom, li r-rikorrent ma qasamx minn fuq iz-*zebra crossing*.

Fattur iehor li jitnissel mix-xhieda tal-intimat, u tax-xhieda okulari Christopher u Simon Darmanin, huwa dak sostnut minnhom li fit-triq dakinhar tal-incident, kien hemm it-traffiku, fil-karreggjata l-ohra, li taghti 'l fuq lejn San Giljan. Din il-Qorti tiddeduci li kien ghalhekk, li l-intimat u x-xhieda okulari sostnew li r-rikorrent fegg minn wara l-vetturi, u mhux ghaliex hareg minn wara vetturi ipparkjati. Fil-fatt, l-intimat stess ikkonferma li fejn gara l-incident, ma jipparkjawx vetturi. Min-naha l-ohra fil-verzjoni tieghu, r-rikorrent semma li meta qasam ma kienux ghaddejin vetturi u ma kienx hemm traffiku. Illi jekk ikun hemm it-traffiku fil-karregjata li taghti 'l fuq lejn id-direzzjoni ta' San Giljan, is-sewwieq li jkun niezel fid-direzzjoni opposta xorta wahda jrid izomm il-*proper lookout* necessarju, kif mistenni bhala obbligu tieghu *multo magis* meta qed joqrob *zebra crossing*, billi jkun aktar attent kawt, u jzomm l-i*speed limit* baxx kemm jista' jkun.

Fattur iehor li jrid jigi kkonsidrat, hu li r-rikorrent kien mexa sew min-naha l-ohra tat-triq minn fejn qasam, u ma kienx ghadu fejn il-bankina minn fejn telaq meta gara l-impatt. Dan ifisser li s-sewwieq kellu possibilita` akbar li jilhaq jarah. Ghalhekk, huwa ovvju li l-intimat ma zammx *proper lookout*. Fil-fatt l-intimat, ikkonferma fix-xhieda tieghu, li huwa kien lemah lir-rikorrent li kien qed jaqsam, izda meta zamm il-*brake* skiddja. Din l-istess xhieda tal-intimat tindika, li ma kienx qed isuq kif mehtieg skont ir-regolamenti, tenut kont tal-kondizzjonijiet meteoroligici sabiex ikollu aktar kontroll fuq il-vettura. Hawnhekk, il-Qorti taqbel ma' dak sottomess f'dan ir-rigward fin-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent. Inoltre, l-espert ex parte, Joseph Zammit indika fir-rapport tieghu, li huwa wisq probabbli li l-intimat kien niezel b'velocita` aktar milli suppost ghal dik it-triq. Difatti, t-tentattiv tieghu li jnaqqas il-*brake* u jnaqqas mill-i*speed* ma rnexxietx. L-intimat ma jistax jattribwixxi dan ghax-xita li kienet niezla dak il-hin, peress li kien obbligu tieghu bhala sewwieq, li jsuq skont il-kondizzjonijiet tat-temp, u jkun aktar attent.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimat, gie sottomess, li r-rikorrent qasam b'mod mghaggel minhabba li kienet ix-xita minghajr ma accerta ruhu li l-intimat kien a konoxxenza tieghu. Dan l-argument ma jregix. Huwa minnu li l-pedestrian igorr l-obbligi tieghu skont il-*Highway Code*, li diga gie citat. Izda r-regolamenti u s-senjaletika fit-triq li triq tigi osservata mis-sewwieq li mhuwiex esonerat minn dawn ir-responsabbilitajiet. In-nuqqas ta' *proper lookout,* u tal-osservazzjoni tar-regolamenti u tas-senjaletika indikata jammonta ghal imprudenza jew negligenza. Hawnhekk,

ikkonsidrat ukoll, dak li ntqal mill-intimat in subizzjoni, li ma osservax jew ma kienx jaf bis-sinjal SLOW li hemm, fl-istess nizla metri qabel l-‘ispot’ tal-incident. Ghalhekk, il-verzjoni tal-intimat hija kemmxejn inverosimili. Ikkonsidrat ukoll, li l-vizwali tas-sewwieq, fin-nizla li kien nizel lejn Spinola, hija vizwali cara, dik it-triq mhijiex triq dejqa, u hemm diversi dwal fiha, dawk tat-triq u dawk emanenti mill-istess stabbilimenti u ristoranti li hemm fl-istess triq. Tenut kont, li minn fejn kien niezel, hija nizla principali, li hija ferm traffikuza, u tenut kont ukoll li kien hemm *pedestrian crossing*, is-sewqan tal-intimat f’dik it-triq kellu jkun ferm aktar kawt, milli kien, meta jigi kkonsidrat ukoll li kienet niezla x-xita, ghalhekk, f’nizla f’dak l-inhawi fejn gara l-incident, il-prudenza tas-sewwieq kellha tkun izjed mill-grad rikjest f’inhawi ohra anqas popolati.

*In vista* ta’ dawn l-osservazzjonijiet, u fid-dawl tal-fatturi kollha kkonsidrati, tqis li r-responsabbilta` tal-incident ghandha tigi attribwita lill-intimat.

**<u>Dritt:</u>**

L-**Artikolu 1045(1) tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta’ Malta, li jipprovdi li *“il-hsara li l-persuna responsabbli ghandha twiegeb ghaliha…..hija t-telf effettiv li l-ghemil taghha jkun gibet direttament lill-parti li tbati l-hsara l-ispejjez li din il-parti setghet kellha taghmel minhabba l-hsara, it-telf tal-paga jew qligh iehor attwali, u t-telf ta’ qligh li tbati ‘l quddiem minhabba inkapacita` ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-ghemil seta’ jgib.”*

Is-subartikolu (2) ighid li: *"Is-somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacita` tigi stabbilita mill-Qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, u b'mod partikolari, ix-xorta u grad ta' inkapacita` ikkagunata, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati hsara."*

Skont il-ligi taghna, l-likwidazzjoni tad-danni tinqasam f'zewg aspetti: id-danni attwali (*damnum emergens*) u t-telf ta' qligh futur (*lucrum cessans*).

Illi tali regoli gew supplementati u interpretati bil-principji stabbiliti fil-kawza ewlenija **"Michael Butler vs Peter Christopher Heard"** – A.C. dec. fit-22 ta' Dicembru 1967, li tat l-origini ghal hekk imsejha *multiplier system*, li pero` giet aggustata ghaz-zminijiet aktar recenti peress li, kif intqal fil-kawza **"Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri et"** – A.C. dec. fis-16 ta' Novembru 1983, *"Ic-cirkostanzi tal-hajja anke fil-gzira taghna nbidlu konsiderevolment u l-ammonti qeghdin isiru fuq kriterji ferm differenti minn dawk li kienu jsiru ghaxar snin jew ghoxrin sena ilu."*

Ghalhekk, il-Qrati taghna rritenew li ghandhom id-diskrezzjoni li jkunu iktar flessibli *o meno* rigoruzi fl-applikazzjoni tal-linji gwida stabbiliti f' **Butler vs Heard**. Hekk gie ritenut li ghandhom juzaw "l-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-ligi – **"Savona vs Asphar"** App. deciz fit-23 ta' Gunju 1952; u li "*ghandu jintuza bhala bazi wkoll f'dan il-kaz bid-differenza li n-numru ta' snin ghandu jittiehed ghas-snin kollha tal-hajja lavorattiva tal-korrut*." ("**Emanuel Mizzi vs Carmel Attard**":- 13.5.2003); u li "*dejjem ghandu jkun hemm certu elasticita` ta' kriterji billi l-pronunzjament fil-likwidazzjoni in kwistjoni huwa wiehed ta' probabilta`. Inoltre` d-danneggjat jinghata*

*somma kapitali darba wahda biss, meta tinghata b'sentenza m'hijiex aktar soggetta ghal ebda revizjoni. Ghalhekk, din is-somma kapitali trid tkun tikorrispondi kemm jista' jkun mar-realta`.*" – **"Francis Sultana vs John Micallef et noe et"** – Appell deciz fl-20 ta' Lulju 1994.

Madankollu, fil-kaz **"Paul Debono vs Malta Drydocks**" P.A. deciza fis-27 ta' April 2015, intqal:

"*Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-rizarciment hi certament fis-sistema legali taghna ispirata mir-regola stabbilita fl-Artikolu 1045 tal-Kodici Civili. Fir-rigward tal-lucrum cessans dan jinvolvi t-telf ta' qligh futur minhabba l-inkapacita`. Il-ligi mbaghad thalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti, biex valjati c-cirkostanzi tal-kaz, ix-xorta u grad ta' l-inkapacita`, u l-kondizzjoni tal-parti dannegjata, tistabbilixxi s-somma rizarcitorja."*

***Multiplier***

Il-kwistjoni tal-*multiplier* li normalment jintuza bhala mezz biex it-telf ta' qligh li jinghata d-dannegjat jigi kalkolat, hija wahda li dwarha l-Qrati taghna f'dawn l-ahhar zminijiet flew sewwa. Xi kittieba awtorevoli f'dan il-qasam ifissru l-*multiplier* bhala:

"*A figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue, that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly because of the contingencies (i.e. that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost earnings even if the accident had not occurred)*

*and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of estimation in the light of the facts of the particular case and of other comparable cases*." **(Peter Cane, Atiyah's accidents, Compensation and the Law 6th Edit, 1999, pag.122).**

Ghalhekk, il-*multiplier* irid jinkorpora fih dak l-element ta' *'chances and changes of life'* jew '*vicissitudes of life'*. Fil-kaz "**Paul Vassallo et noe vs Carmelo Pace**" Appell deciz fil-5 ta' Marzu 1986) gie ritenut:

*"In-numru ta' snin adottat bhala multiplier m'ghandux ikun bazat fuq l-aspettattiva tal-hajja in generali tad-dannegjat izda fuq l-aspettativa tal-hajja lavorattiva tieghu u ghalhekk jittiehdu in konsiderazzjoni c- 'chances and changes of life'. Il-multiplier gie definit kif gej:*

"*In other words the multiplier is set at a figure which takes into account both the fact that a capital sum capable of investment is more valuable than an equivalent aggregate income over a period of time and the chance that the plaintiff might anyway not have earned that income*." (**The law of Tort- W.V.H. Rogers, 1994, 2nd Ed. p.228**).

Gie stabbilit li l-*multiplier* ghandu jibda jitqies mindakinhar li sehh l-incident li fih il-vittma tkun garrbet il-griehi, (App. Civ. 16.11.1983 fil-kawza fl-ismijiet **Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri**) u mhux mindakinhar li l-Qorti tasal ghal-likwidazzjoni tas-somma li ghandha tithallas bhala danni.

Minbarra dan il-bixra ta' hsieb wara sentenzi ta' dawn l-ahhar snin f'dan il-qasam qeghda xxaqleb lejn it-tnehhija ta' skemi rigidi li jistghu ifixklu l-ghoti ta' kumpens misthoqq u xieraq ghac-cirkostanzi. Wahda minn dawn l-izviluppi hija fil-massimu tal-*multiplier* , fejn ghal numru kbir ta' snin ma tqiesx li seta' jaqbez l-ghoxrin (20). Ghar-ragunijiet li l-Qorti ghandha tfittex qabel kull haga ohra li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun garrab hsara, u li terga' tqieghed lil tali persuna kemm jista' jkun fl-istat li kienet qabel l-incident[10]. Illum huwa accettat u approvat mill-oghla Qrati taghna li l-*multiplier* ikun jaqbel sewwa mal-eta` tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji.[11]

Dwar il-qies tal-*multiplier* jkun xieraq li wiehed jaghmel referenza wkoll ghal dak li hu mghallem f'dan ir-rigward mill-awturi fejn jinghad li:

*"The most important factor to take into account when considering which multiplier to apply is, of course, the age and probable working life of the deceased and the expectation of life of the dependants…There must also be a discount for the uncertainties of life….discount must also be made for the fact that dependants will receive an accelerated benefit in the form of a lump sum rather than smaller benefits over a number of years. Because of these uncertainties the appropriate time for selecting the multiplier is at the time of death….."* (**Thomas Saunt Damages for Personal Injury and Death (Tielet Ediz. 1986, pag.53).**

---

[10] "**Borg pro et noe vs Muscat**" P.A. deciza fid-9 ta' Jannar 1973.

[11] Ara "**Mary Bugeja noe et vs George Agius noe**" – App. Deciza fis-26 ta' Lulju 1991; "**Vincent Axisa vs Alfred Fenech et**" (P.A. 16 ta' April 1991); "**Carmelo Camilleri vs Alfred Falzon"** deciza mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Mejju 1984.

Illi minn ezami tal-gurisprudenza tal-Qrati taghna jirrizulta li l-*multiplier* adoperat kien varju u kien ta':

- 5 snin fil-kaz ta' persuna ta' 53 sena **Mizzi vs Azzopardi** PA 16-Dic-2004;
- 15 fil-kaz ta' persuna ta' 22 sena **Butler vs Heard** App Civ. Sup 22-Dic-1967;
- 15 fuq persuna ta' 24 **Gauci vs Xuereb** PA 29-Ott-1970;
- 18 sena fil-kaz ta' persuna ta' 42 **Bonnici vs Gauci** PA 15-Sett-1999;
- 20 fil-kaz ta' persuna ta' 34 sena **Bugeja vs Agius** App Civ Sup 26-Lul-1991;
- 20 fil-kaz ta' persuna ta' 33 sena **Dalmas vs Ghigo** App Civ. 5-Frar-1980;
- 25 fil-kaz ta' persuna ta' 30 sena **Caruana vs Camilleri** App Civ Sup 27-Feb-2004;
- 26 fil-kaz ta' persuna ta' 35 sena **Seisun vs Brincat** P.A. 29-Ott-1998;
- 30 fil-kaz ta' persuna ta' 17 **Turner vs Agius** App Civ Sup 28-Nov-2003;
- 30 fil-kaz ta' persuna ta' 26 **Grima vs Penza** PA 30-Gun-2004;
- 30 fil-kaz ta' persuna ta' 23 sena **Zammit vs Zahra** PA 20-Jan-2005;
- 35 fil-kaz ta' persuna ta' 18 sena **Sammut vs Zammit** App Civ Sup 3-Dic-2004;
- 36 fil-kaz ta' persuna ta' 20 sena **Mizzi vs Azzopardi** PA 16-Dic-2004.

Dan kollu juri li mhux dejjem ittiehdet l-istess linja ta' *Multiplier.* Huwa zgur li gie enfasizzat ripetutament li s-sistema ta' *multiplier* kif koncepita ma tiehux in

konsiderazzjoni l-aspettativa tal-hajja lavorattiva fit-totalita` taghha [ara **Bugeja vs Agius** fuq imsemmija].

**Tnaqqis minhabba *lump sum payment***

L-ammont dovut ikun irid jitnaqqas minhabba l-*lump sum payment* b'ammont ekwivalenti ghal 20% meta jkun ghadda zmien qasir mill-*event* damnuz u s-sentenza finali (**Scicluna vs Meilaq**, PA 16 ta' Lulju 2001).

Fil-kawza fl-ismijiet "**Paul Xuereb noe vs Emanuel Xuereb pro et noe**." (P.A. (JSP) deciza fil-5 ta' Ottubru 1995, intqal:

*"Fir-rigward ghal-'lump sum payment' il-Qorti jidhrilha li m'ghandu jsir l-ebda tnaqqis fil-persentagg solitu ta' 20 fil-mija ghal 'lump sum payment' jekk ma jkunux ghaddew aktar minn tlett snin mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni u jekk ikun ghadda dan il-perjodu allura ghandu jsir tnaqqis ta' 2% ghal kull sena minn dik id-data."*

Aktar recentement, il-Qorti tal-Appell, fil-kaz **"Annunziata sive Nancy Caruana vs Odette Camilleri"** deciza fis-27 ta' Frar 2004, irrabadiet li "*Ghall-finijiet tat-tnaqqis minhabba lump sum payment id-dekors taz-zmien ghandu jibda jigi kalkolat minn meta tigi ntavolata l-kawza relattiva u mhux minn meta javvera ruhu l-incident ukoll relattiv."*

Skont kriterju li gie elucidat u applikat minn din il-Qorti kif diversament preseduta fil-kaz **"Jos Agius vs All Services Ltd."** (P.A. TM 1809/01 deciza fit-2 ta' Gunju '05) *"f'kazijiet kongruwi, soltu li jsir tnaqqis iehor ta' 20% ghall-fatt li jkun ser ikun hemm hlas f'daqqa ('lump sum payment') lill-*

*beneficcjarji. Jekk id-decizjoni pero`, tkun se tinghata wara tul ta' certu zmien, hi l-prattika li l-persentagg ta' tnaqqis jonqos, u hi konswetudni tal-Qrati, li jekk kawza ddum aktar minn sentejn, il-persentagg jonqos b'zewg punti ghal kull sena ohra li l-kawza ddum biex tigi deciza."*

Izda, gie wkoll propost li m'ghandux awtomatikament jitnaqqas skont kemm iddum il-kawza, dan ghaliex "*jekk id-dannegjat ma jkollux htija fid-dewmien tal-kawza, m'ghandux ikun hemm tnaqqis fil-lump sum deduction".* (Ara "**Agius vs Fenech**" P.A. deciza fid-29 ta' Ottubru 2003, "**Sylvester Tabone vs Carmen Abela"** P.A. deciza fil-25 ta' Novembru 2013 u **"Laurence Saliba vs Bezzina Ship Repair Yard Ltd**." P.A. deciza fit-12 ta' Novembru 2012).

**Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami**, din il-Qorti ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet. L-ewwel li jrid jigi determinat hu l-persentagg ta' dizabilita` li sofra r-rikorrent. Hawnhekk, il-Qorti m'ghandha l-ebda raguni biex ma taqbilx mal-persentaggi moghtija mill-esperti medici nominati mill-Qorti stess. Ghalhekk, taghmel taghha l-konkluzjonijiet dedotti dwar id-debilita` permanenti, u l-Qorti ser taccetta r-rata ta' 5% minhabba danni fl-imnieher u fil-wicc, 4% ghad-danni minhabba nuqqas ta' snin, u 1% ghal kif ir-rikorrent gie effettwat psikologikament kawza tal-incident.

***Weighted Average***

F'dan il-kuntest, ta' min isemmi li l-Qorti trid tevalwa l-aspett ta' "Lucrum Cessans" u "Combined Values" meta tigi biex tistabbilixxi l-persentagg ta' dizabbilita` totali ta'

persuna, jekk kawza tal-incident, ikunu rrizultaw diversi debilitajiet. Irid jigi sottolineat, li l-komputazzjoni maghduda fin-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent, fejn gew maghduda z-zewg persentaggi flimkien, imur kontra dak adoperat recentement fil-gurisprudenza nostrana, billi l-Qrati taghna, f'sitwazzjonijiet simili, bdew jadoperaw dak imsejjah bhala "weighted average". (Ara **Mario Theuma et vs All Services Ltd.**, P.A. – deciza fl-4 ta' Lulju 2006, **James Spiteri vs Joseph Magro et** , P.A. deciza fl-24 ta' Jannar 2011, **Anne Fiona Dowling vs Paul Caruana**, P.A. – deciza fit-2 ta' Frar 2007).

Ghaldaqstant, id-dizabbilita` totali trid tigi kkunsidrata in relazzjoni ghal persuna, bhala entita` fizika wahda minghajr ma jigi prezunt li l-multiplicita' ta' debilitajiet jigu komputati komplessivament sabiex tohrog id-dizabilita` reali li wiehed ikun sofra minnhom. Difatti, jekk il-persentaggi jigu maghduda flimkien, wiehed jista' jasal ghall-konkluzjoni assurda li f'xi kazijiet ikun hemm debilita` permanenti ta' aktar minn mija fil-mija.

Fil-ktieb **Munkman's** "*Damages for Personal Injuries and Death*" (11th Edit. Pag 51) hemm referenza ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Ingliza (Brown vs Woodall, 1995) fejn gie osservat:

*"I respectfully agree that the learned judge's approach of adding up the various figures for the awards that he thought appropriate and the various different injuries could well lead one to an award which, compared with other awards, is in the aggregate, larger than is reasonable. In this type of case, in which there are a number of separate injuries, all adding up to one composite effect upon a*

*plaintiff, it is necessary for a learned judge, no doubt having considered the various injuries and fixed a particular figure as reasonable compensation for each, to stand back and have a look at what should be the aggregate figure and ask if it is reasonable compensation for the totality of the injury to the plaintiff or whether it would, in the aggregate, be larger than was reasonable?"*

F'dan l-aspett, huma relevanti hafna d-decizjonijiet moghtija mill-Qorti tal-Appell, fil-kazijiet **Liliana Farrugia vs Gauci Francis** deciza fit-28 ta' Marzu 2014, u **Brian Micallef vs Brian Tyre Services Limited et**, deciza fil-31 ta' Jannar 2014, fejn fl-ewwel kaz gie ritenut:

"…..*f'dan il-kaz gew mahtura zewg esperti medici li rrelataw dwar diversi aspetti tal-hsara li sofriet l-attrici. Skont il-gursprudenza meta persuna ssofri diversi gradi ta' dizabilita` permanenti, ghandu jigi adoperat il-kriterju maghruf bhala "weighted average" fejn id-diversi gradi ta' dizabilita` permanenti rizultanti jigu kkunsidrati in relazzjoni mal-persuna fizika shiha minghajr ebda prezunzjoni a priori li l-multiplicita` tal-feritti jigu komputati komplessivament (Ara Sant vs Debono deciza mill-prim' Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Lulju 2007). Bil-"weighted average" ghandu jittiehed bilanc tar-rizultanzi tal-esperti medici biex dan ikun jirrifletti ahjar is-sitwazzjoni reali tad-danneggjat (ara Cassar Pullicino noe et vs Xuereb et deciza minn din il-Qorti fl-20 ta' Frar 2009)."*

F'dawn iz-zewg kazijiet sucitati, l-Qorti tal-Appell irriformat is-sentenza tal-Prim' istanza, li kienet ghaddiet il-persentaggi flimkien u mhux ikkunsidrat "weighted average". Fl-istess kazijiet, l-Onorabbli Qorti tal-Appell, fil-

fatt iccitat lil **Guido Gentile**, "*Problemi insoliti nella Valutazione del danno della persona" (Ediz. 1951 pagna 311);*

*"la valutazione del danno in caso di lesioni multipli non risulta dalla somma dei coefficienti delle single lesionoi, sebbene da un coefficente unico, rapportato, nel suo inxieme, all'entita` unitaria dell individuo."*

F'dan il-kaz l-esperti nominati mill-Qorti ghamlu stima globali dwar id-diversi aspetti ta' dizabilita`. F'kazijiet simili, ghandu jittiehed bilanc fir-rizultanzi ta' l-esperti medici biex dan ikun jirrifletti ahjar is-sitwazzjoni reali. Dan qed jinghad fid-dawl ta' dak li osservat din il-Qorti fil-kawza "**Caruana vs Camilleri**", deciza fil-5 ta' Ottubru, 1993, fis-sens li "*dak li jrid jigi stabbilit ma huwiex il-grad ta' nkapacita` f'sens purament mediku, izda l-effetti li l-hsara personali ghandha fuq il-qligh tad-dannegjat izda ghandu jigi kkonsidrat il-principju tal-weighted average li ghandu japplika f'kazijiet simili."*[12]

Illi fil-kaz in ezami l-esperti rrelataw dwar id-diversi aspetti ta' debilita` sofferti mir-rikorrent. Izda, kienu huma stess li ghaddew l-ammonti ta' debilita` ghat-tlett aspetti kkonsidrati, li komplessivament jammontaw ghal 10%, u ma adottawx *weighted average*, tat-tlett aspetti ta' debilita` permanenti.

Ikkonsidrat, li l-persentagg ta' debilita` adottata mill-esperti nominati mill-Qorti huwa ferm inqas mill-persentaggi li kienu nghataw fir-rapporti *ex parte*. Ikkonsidrat ukoll, li l-

---

[12] Ara ad es. P.A. PS 3.10.2003 fil-kawza fl-ismijiet **Maria Debono vs Andrew Vaswani** u P.A. RCP 7.1.2003 fil-kawza fl-ismijiet **Paul Bottone vs Rita Saliba et**.

partijiet, fin-noti ta' sottomissjonijiet taghhom, it-tnejn qablu mar-rata ta' debilita` permanenti ta' 10 fil-mija (10%).

**Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, tara li ghandu jigi adottat persentagg ta' dizabilita` ta' 10%.**

**Tnaqqis mil-*Lump Sum Payment***

Rigward, il-'lump sum payment' li trid titnaqqas mill-ammont minhabba z-zmien li jkun iddekorra mill-prezentata tac-citazzjoni u s-sentenza finali, jigi ritenut li ghaddew ghaxar snin. Applikati l-principji succitati, huwa ragonevoli li ghandu jitnaqqas mill-percentwali ta' 20% solitament imposta u minflok tnaqqas percentwali ta' 8%.

Huwa minnu li kien hemm zmien meta ma bdewx jitressqu provi regolarment, izda dan kien dovut ghall-istennija dwar l-ezitu tar-rapport tal-Periti Medici nominati mill-Qorti, fejn kien hemm anke rifjut da parti ta' espert mediku, originarjament nominat, liema nomina giet sostitwita billi nghata l-inkarigu lil espert mediku iehor in sostituzzjoni ghal dak precedenti.

**Likwidazzjoni ta' danni:**

***Damnum emergens*:**

Illi r-rikorrent esebixxa sensela ta' spejjez rigwardanti visti medici, spejjez ghar-rapporti medici *ex parte*, u partikolarment spejjez minfuqa ghal *bridge* dentali u trattament dentali iehor mehtieg minhabba t-telfien ta' snien konsegwenza ghall-incident. Hawnhekk, taqbel mar-

referenzi li saru rigwardanti r-ricevuti esebiti, fin-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent. Dawn huma s-segwenti:

Lm50 - hlas ta' rapport (fol 21)
Lm60 - hlas ta' rapport (fol 25)
Lm3 - ricevuta (fol 3)
Lm18 - ricevuta medika (fol 40)
Lm60 - hlas tar-rapport (fol 187)
Lm30 - ricevuti medici (fol 188)
Lm120 - hlas tar-rapport (fol 189)
**Lm341 - Total (ekwivalenti ghal (Ewro 794.31)+**

€60 - ricevuta medika (fol 193)
€390 - ricevuta (dentistrija) (fol 194)
€450 - **(Ewro 450.00)**

**Total spejjez Ewro 1,244.31**

Referibbilment ghal dak li inghad specifikament, ghal dak rikjest sabiex ir-rikorrent jaghmel 'implants', u 'central incisors' minhabba l-mankanza ta' snin li garrab konsegwentment ghall-incident l-ammont imnizzel mill-Professur H Galea, jammonta ghal Lm4,000, ekwivalenti ghal €9317.48.

€1244.31 + €9317.48 = €10561.79

**L-ammont totali hu Ewro10,561.79**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tillikwida dan il-kap tad-danni fl-ammont ta' €10,561.79**.

***Lucrum cessans*:**

Fir-rigward ta' *lucrum cessans*, il-Qorti kkonsidrat li mir-rapport tal-esperti medici nominati, jirrizulta li r-rikorrent kellu diversi limitazzjonijiet konsegwenza tal-incident in kwistjoni. Dan gie kkonfermat mill-esperti medici nominati mill-Qorti, kif ukoll minn rapporti medici ta' tobba *ex parte*, fosthom ta' Mr. Francis X Darmanin (fol 22-24), rapport ta' Profs. Hector Galea (fol 25-30) u rapport tal-psikjatra Dr. Anton Grech (fol 31-35).

Dwar id-dhul u l-introjtu li kellu r-rikorrent mill-impjieg tieghu, huwa esebixxa kopji tal-FS3 ghas-snin 2003 u 2004 precedenti ghall-incident, Dok XX2 u Dok XX3 (fol 179-180) u tas-sena 2005, fejn f'Dok XX4 (fol 181), jidher l-ammont ta' dhul gross bhala €21,218.26. Fil-formoli l-ohrajn tat-taxxa, Dok XX5 sa Dok XX9, jidhru l-qligh gross ghal kull sena sussegwenti, sal-2010 (fol 182-186).

| | |
|---|---|
| 2005 | €21, 218.23 |
| 2006 | €22,126.68 |
| 2007 | €23,168.89 |
| 2008 | €24,713.48 |
| 2009 | €25,471.86 |
| 2010 | €27,800.61 |
| Total: | €144,499.75 |
| **Medja:** | **€24,083.29** |

Meta tinhadem il-medja tal-paga gross matul is-snin 2005 sa 2010, jirrizulta li l-medja hi ta' (€24,083.29). Hawnhekk, ma taqbilx mal-kalkolu kif mahdum, fin-nota ta' sottomissjoniet tar-rikorrent, izda ttiehdet il-medja tal-paga mill-2005 sal-2010, kif indikat fil-formoli tat-taxxa esebiti.

Billi ghaddew tnax-il sena mill-incident, il-Qorti taqbel li ghandha tiehu in konsiderazzjoni l-gholi tal-hajja u ghalhekk ser tiehu bhala bazi dhul annwu ta' €24,500 sabiex tinkorpora dan il-fattur.

Illi r-rikorrent twieled fl-1965, u ghalhekk fiz-zmien tal-incident kellu 40 sena. Ir-rikorrent issottometta li l-*multiplier* ghandu jkun ta' 25, filwaqt li l-intimat ikkalkula l-*multiplier* fuq il-medja tal-eta` ta' 58 snin .

Il-Qorti tqis li l-hajja lavorattiva llum qed titwal u l-eta` tal-irtirar qeghda dejjem tiggebbed u ghalhekk taqbel ma' dak sottomess mir-rikorrent billi l-kalkoli ser isiru fuq *multiplier* ta' 25 kkunsidrati l-kontingenzi tal-hajja.

Ghaldaqstant, il-Qorti, qeghda tillikwida l-ammont dovut lir-rikorrent bhala *lucrum cessans* kif gej:

10% x 25 (*multiplier*) x €24,500 (ammont ta' dhul tar-rikorrent[13]) = €61,250 – 8% (*lump sum payment deduction*) (€4,900.00) = €56,350.

**Ghaldaqstant, l-ammont dovut ta' *lucrum cessans* huwa sitta u hamsin elf, tliet mija u hamsin ewro (€56,350).**

[13] Inkluz provvediment ghall-gholi tal-hajja.

Konsegwentement it-total dovut lir-rikorrent jammonta ghal:-

| | |
|---|---|
| *Damnum Emergens* | €10,561.79 |
| *Lucrum Cessans* | € 56,350.00 |
| **Total:** | **€ 66, 911.79** |

Illi l-intimat fit-tielet eccezzjoni sostna li peress li m'hemmx somma likwidata, kwindi t-talba tal-imghax hija insostenibbli. Illi din l-eccezzjoni ma tregix billi l-intavolar ta' din il-kawza huwa intiz proprju sabiex jigu likwidati d-danni kkawzati b'konsegwenza ghall-incident awtomobilistiku li sehh fl-2005. Ghalhekk, l-imghax ghandu jiddekorri mid-data tas-sentenza.

Inoltre din il-Qorti hi tal-fehma li m'ghandux ikun hemm temperament fir-rigward tal-ispejjez gudizzjarji li ghandhom jinkombu fuq l-intimat**.**

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-intimat ghar-ragunijiet spjegati, tilqa' t-talbiet tar-rikorrent kif gej:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li r-responsabbilta` tal-incident li sehh fl-20 ta' Dicembru 2005 fi Triq San Gorg, San Giljan hija unikament tal-intimat.

2. Tilqa’ t-tieni talba u tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrent fl-ammont ta’ sitta u sittin elf, disa’ mija u hdax-il ewro, u disgha u sebghin centezmu (€66,911.79).

3. Tilqa’ t-tielet talba u tikkundanna lill-intimat Albert Zerafa ihallas lir-rikorrent is-somma ta’ sitta u sittin elf, disa’ mija u hdax-il ewro, u disgha u sebghin centezmu (€66,911.79) flimkien mal-imghaxijiet legali mid-data ta’ din is-sentenza sal-pagament effettiv.

**L-ispejjez - inkluzi tal-ittra ufficjali tas-17 ta’ Marzu 2006 - jithallsu mill-intimat.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**30 ta’ Mejju 2017**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**30 ta’ Mejju 2017**